# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1097

KAZ NRU. 1364

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

EneMalta Corporation

u

Senior Managers' Union EneMalta

dwar ir-reklutagg ta' "Senior Manager Human Resources"

Illum : 3 ta' Marzu, 2000

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Membri : Is-sur Michael J. Mallia**
**Is-sur Maurice Agius**

**INTRODUZZJONI**

Illi permezz ta' ittra datata 30 ta' Lulju, 1999 indirizzata lill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali, il-Korporazzjoni EneMalta talbet li t-tilwima ezistenti tigi rimessa lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni.

Illi t-Terms of Remit kienu jiccirkoskrivu t-tilwima fis-sens li l-istess Korporazzjoni kellha d-dritt li timpjega Senior Human Resources Manager minn barra l-Korporazzjoni u kif gew miftehma l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha.

Illi permezz ta' ittra datata 12 t'Awissu 1999, l-Onor Ministru irrefera l-vertenza lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu sabiex tigi terminata.

**DIKJARAZZJONI TAL-KAZ**

Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, l-Korporazzjoni EneMalta stqarret li formanti parti minn ezercizzju ta' ristrutturazzjoni, giet krejata l-htiega li jigi ngaggat Human Resources Manager minn sorsi esterni. Ma dan, il-Union ma qablitx.

Da parti taghha, l-Union stqarret li l-isem *proprio* taghha kien EneMalta Senior Staff Union, u inoltre ma kien hemm l-ebda tilwima mal-Korporazzjoni kif minnhom indikata u definita.

**PROVI**

Illi l-partijiet f'din it-Tilwima ma ressqu l-ebda provi u rrimettew ruhhom dwar id-dikjarazzjonijiet tal-kaz minnhom formolati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din il-procedura giet promossa mill-EneMalta fuq binarju ben preciz - ossia li kellha d-dritt li tingagga Human Resources Manager minn fonti esterni, u li tiffissa l-kundizzjonijiet tax-xoghol.

Da parti taghha l-Union allegat li t-tilwima taghha mal-Korporazzjoni ma tikkoncernax dan il-punt, izda punt akbar,

ossia r-*recognition* li huwa meritu ta' proceduri ohra quddiem dan it-Tribunal (Kaz Nru. 1375). Dak li ghamlet fil-materja odjerna, ma giex kontestat mill-Union.

In vista tal-pozizzjoni mantenuta mill-Union, dan ghandu jiftiehem li l-Korporazzjoni kienet fid-drittijiet li taghmel dak li ghamlet. Fin-nuqqas ta' oggezzjoni t-Tribunal jiddikjara din it-tilwima bhala terminata definittivament.

-----------------------

**Michael J. Mallia**
**MEMBRU**

-----------------------

**Maurice Agius**
**MEMBRU**

-----------------------

**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D**
**CHAIRMAN**